**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 28 ta` Frar 2017**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Gur. Nru. 1166/13 JZM**

**CMV S.p.A gja maghrufa Casino Municipale di Venezia S.p.A, socjeta` estera registrata l-Italja, numru ta` registrazzjoni 245504, rapprezentata mill-mandatarju specjali Avukat Louis Cassar Pullicino (K.I. 441061 M)**

***kontra***

**Vittoriosa Gaming Limited**
**(C 26958)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-5 ta` Dicembru 2013 li jaqra hekk :–

*1. Illi permezz ta` ftehim datat 23 ta` Dicembru 2005, is-socjeta` attrici ("CMV") kienet ittrasferiet lil Bet Live Limited ("BLL") 5,200,145 sehem ordinarju ossia 60% tal-ishma fis-socjeta` konvenuta ("VGL") versu l-prezz u taht il-pattijiet pattwiti fl-imsemmi ftehim filwaqt li CMV zammet fil-proprjeta` taghha l-ishma rimanenti ta` 3,466,763 sehem ordinarju, ossia erbghin fil-mija (40%) tal-ishma fis-socjeta` konvenuta VGL ;*

*2. Illi fl-istess ftehim CMV tat lil BLL option sabiex din tal-ahhar takkwista l-ishma rimanenti li ghandha CMV u cioe` 3,466,763 sehem fi VGL versu l-prezz pattwit fl-imsemmi ftehim u taht kundizzjonijiet ohra hemm pattwiti fosthom illi BLL tezercita dina l-option entro perjodu ta` sentejn versu l-prezz u rata ta` imghax kif pattwita fl-imsemmi ftehim jew fl-alternattiv entro perjodu ta` ghaxar snin kif pattwit fl-istess ftehim ;*

*4. Illi BLL ma ezercitatax din l-option fil-perjodu ta` sentejn mid-data tal-fuq imsemmi ftehim u ghalhekk prezentement ghad ghandha dritt li tezercita din l-option sabiex takkwista l-ishma appartenenti lil CMV fis-socjeta` VGL sat 23 ta` Dicembru 2015 ;*

*5. Illi fl-istess ftehim gie pattwit bejn is-socjetajiet kontendenti :*

*i. illi VGL tipprovdi servizzi ta` Remote Gaming konsistenti f`Live Casino Games u Virtual Casino Games kif awtorizzata a tenur tal-licenzja taghha (Class 1 Remote Gaming Licence LGA/OC/172/2004) mahruga mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob ;*

*ii. CMV ikkoncediet lil VGL id-dritt li taghmel uzu mill-isem Casino` di Venezia flimkien ma` kwalunkwe marki ohra u drittijiet intellettwali taghha u dan matul kwalunkwe perjodu li fih CMV tkun ghadha azzjonista fis-socjeta` VGL ;*

*iii. u fl-istess hin CMV obbligat ruhha li ma tikkompetix, la direttament jew indirettament, ma` VGL fl-attivita` ta` Remote Gaming Services matul l-istess perjodu meta CMV tibqa` azzjonista fis-socjeta` VGL ;*

*6. Illi matul dawn l-ahhar snin sar evidenti illi VGL ghandha problem finanzjarji serji u ricentement is-sitwazzjoni finanzjarja taghha saret aktar prekarja minn qatt qabel, tant li VGL lanqas biss kienet f` qaghda li thallas ammonti dovuti lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob, inkluz arretrati ta` hlasijiet dovuti in konnessjoni mal-licenzjar tal-operat taghha u li kieku ma kienx ghal pagament sostanzjali li sar mis-socjeta` attrici ta` € 533,224.11, l-istess Awtorita` kienet tikkancella l-licenzji ta` VGL ;*

*7. Illi CMV istitwiet proceduri ta` stralc fil-konfront ta` VGL li huma pendenti quddiem dina l-Qorti fil-kawza fl-ismijiet: "CMV S.p.A vs Vittoriosa Gaming Limited et" (Rikors Nru 1269/2012 JZM) u ghad li dawn il-proceduri ghadhom pendenti, gja rrizulta mill-provi illi VGL mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha; irrizulta wkoll illi fuq talba tal-istess VGL, il-licenzja mahruga lilha ghall-operat ta` Land Casino giet sospiza filwaqt li dan l-ahhar VGL waqfet ghal kollox topera l-attivita` ta` Remote Gaming, b`dan li effettivament is-socjeta` VGL issa waqfet topera ghal kollox*

*8. Illi bis-sahha ta` digriet moghti minn dina l-Qorti fil-proceduri ta` stralc hawn fuq indikati, datat l-20 ta` Gunju 2013 gie nominat l-Avukat Richard Galea Debono bhala amministratur provvizorju tas-socjeta` VGL u inter alia il-Qorti ssospendiet is-setghat u d-drittijiet kollha tad-diretturi tas-socjeta` VGL b`effett mid-data tal-imsemmi digriet ;*

*9. Illi fic-cirkostanzi attwali, VGL, li ghandha debiti sostanzjali, mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha u wisq anqas li terga` tibda l-attivita` kummercjali taghha ;*

*10. Illi ghalhekk jirrizulta bic-car illi s-socjeta` konvenuta mhijiex qed topera fis-settur tar-Remote Gaming, mhijiex qed taghmel uzu mill-isem Casino di Venezia jew mid-drittijiet intellettwali lilha koncessi minn CMV u fuq kollox jirrizulta li VGL mhux solvibbli jew l-istat taghha tbiddel sal punt li qed iqieghed fil-periklu l-adempiment taghha tal-ftehim milhuq fit-23 ta` Dicembru 2005; minhabba l-inadempjenza da parti tas-socjeta` konvenuta ;*

*12. Illi in vista tal-insolvenza u l-inadempjenza ta` VGL, mhuwiex ser jibqa` skop ghall-patt li bih is-socjeta` ntimata VGL nghatat id-dritt li taghmel uzu mill-isem Casino di Venezia u li fl-istess hin CMV ma tikkompetix ma` VGL fis-settur tar-Remote Gaming ;*

*13. Illi s-socjeta` attrici giet awtorizzata li tipprocedi b`din il-kawza bis-sahha ta` digriet moghti minn dina l-Qorti fil-proceduri ta` stralc fis-7 ta` Novembru 2013.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni opportune :-*

*1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta peress illi mhijiex adempjenti fl-obbligi minnha assunti kif ukoll mhijiex solvibbli u/jew l-istat taghha tbiddel b`mod li jqieghed fil-periklu jekk mhux fl-impossibilita` li jigu esegwiti d-drittijiet u l-obbligi assunti minnha fil-ftehim tat-23 ta` Dicembru 2005 u senjatament id-dritt li s-socjeta` attrici u dan matul kwalunkwe perjodu li l-istess socjeta` attrici tkun ghadha azzjonista fis-socjeta` konvenuta u fl-istess hin l-obbligu assunt mis-socjeta` attrici li ma tikkompetix, la direttament jew indirettament, mas-socjeta` konvenuta fl-attivita` ta` Remote Gaming Services matul l-istess perjodu meta hija tibqa` azzjonista fis-socjeta` konvenuta.*

*2. Tordna x-xoljiment u risoluzzjoni tal-ftehim datat 23 ta` Dicembru 2005 in kwantu dan jirregola d-dritt li s-socjeta` konvenuta taghmel uzu mill-isem Casino` di Venezia flimkien ma` kwalunkwe marki ohra u drittijiet intellettwali tas-socjeta` attrici u dan matul kwalunkwe perjodu li l-istess socjeta` attrici tkun ghadha azzjonista fis-socjeta` konvenuta u fl-istess hin l-obbligu assunt mis-socjeta` attrici li ma tikkompetix, la direttament jew indirettament, mas-socjeta` konvenuta fl-attivita` ta` Remote Gaming Services matul l-istess perjodu meta hija tibqa` azzjonista fis-socjeta` konvenuta.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta nkluz dawk tal-protest gudizzjarju datat 5 ta` Lulju 2013, li tibqa` minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fl-20 ta` Jannar 2014 li taqra hekk :–

*Preliminarjament, illi l-kuntratt imsemmi jinvolvi wkoll is-socjetajiet Sportalnet Limited (C35668) u Bet Live Limited (C35917), u ghalhekk huwa sottomess illi l-gudizzju mhux integru.*

*Fil-mertu jigi eccepit illi mhux ezattament car x`tip ta` inadempjenza tissussisti fir-rigward tal-obbligazzjonijiet u stipulazzjonijiet li taghhom qeghda tintalab ir-rizoluzzjoni, u li ghalhekk ma hemmx lok illi tigi akkordata r-rizoluzzjoni mitluba sakemm din l-allegata inadempjenza tigi identifikata u ppruvata.*

*Jinghad ukoll ghal kompletezza illi huwa minnu dak li huwa attribwit lis-socjeta` esponenti fis-sens illi fil-mument attwali din m`ghadhiex tespleta l-funzjonijiet ta` gaming company u li l-istabbiliment taghha jinsab maghluq. Jinghad ukoll illi huwa aktarx minnu illi s-socjeta` esponenti hija nsolvibbli (dan jinghad fil-kondizzjonal billi l-kontijiet socjali li thejjew mill-esponent huma kwalifikati mill-awditur u jista` jkun li ma jixdhux is-sitwazzjoni kompleta tas-socjeta`). Ma` dan jizdied li s-socjeta` esponenti ghadha kemm irceviet avviz minghand il-Lotteries and Gaming Authority illi ser tigi kkancellata l-licenzja taghha ta` gaming company jekk sa zmien 21 jum ma tirregolarizzax il-pozizzjoni taghha skont il-licenzja u r-regolamenti vigenti.*

*Madanakollu mhux eskluz illi s-socjeta` tigi rikapitalizzata minn investiment gdid li jwassal ghar-risanament finanzjarju u operattiv taghha, u kwindi jkollha interess li tippreserva d-drittijiet li llum tgawdi mill-imsemmi kuntratt, liema drittijiet hija hallset il-korrispettiv ghalihom fl-istess imsemmi kuntratt.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2016 fejn laqghet it-talba tas-socjeta` attrici sabiex l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet bin-Nru 1269/12 JZM ikunu jikkostitwixxu prova ghall-fini tal-kawza tal-lum, kull fejn dawn ikunu rilevanti ghall-mertu tal-istess.

Rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza tal-lum.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra ta` din il-kawza kif ukoll l-atti tal-kawza Nru 1269/12 JZM.

Rat illi ma kien riskontrat ebda ostakolu sabiex is-sentenza tinghata llum.

## II. Provi

### 1. Dokumenti

Id-dokumenti li gejjin jikkostitwixxu prova :-

Kopja tal-ftehim datat 23 ta` Dicembru 2005
Dok CMV1 a fol 7 sa 13

Korrispondenza mibghuta lil VGL mill-Malta Gaming Authority dwar il-kancellament tal-licenzja vigenti a fol 43 sa 46

Korrispondenza mibghuta lil VGL mill-Malta Gaming Authority dwar penali amministrattivi a fol 47 sa fol 52

Lista ta` *domain names* li s-socjeta` attrici awtorizzat lil VGL sabiex taghmel uzu minnhom a fol 53 sa 56

Korrispondenza mibghuta minn CMV lil Bet Live Limited u l-Avukat Giovanni Frau fil-21 ta` Marzu 2016 a fol 57 u 58

Kopja tar-rikors tal-Amministratur Provvizorju tas-socjeta` konvenuta tat-18 ta` Ottubru 2013 a fol 59 li mieghu kien hemm annessa kopja ta` protest gudizzjarju tas-socjeta` attrici prezentat fil-5 ta` Lulju 2013 a fol 60 sa 62 u kopja tal-ftehim tat-23 ta` Dicembru 2005 a fol 63 sa fol 77.

Kopja ta` digriet li tat din il-Qorti fil-kawza Nru 1269/2012 JZM in segwitu ghar-rikors tal-Amministratur Provvizorju (fol 78)

## 2. <u>Xiehda</u>

**<u>L-Av. Louis Cassar Pullicino</u>** pprezenta affidavit bix-xiehda tieghu.

Xehed illi ghal habta ta` Jannar 2010 huwa kien avvicinat mis-socjeta` attrici ("**<u>CMV</u>**") sabiex bhala avukat wara li kienet mhassba ferm dwar l-istat finanzjarju tas-socjeta` konvenuta ("**<u>VGL</u>**"). Spjega li minkejja li kienu saru negozjati ntensivi u tentattivi bejn l-azzjonisti ta` VGL sabiex jigu ndirizzati l-problemi finanzjarji taghha, ma ntlahaq l-ebda qbil bejniethom. Il-qaghda ta` VGL saret aktar prekarja, tant li kien hemm zmien meta VGL lanqas biss kienet fil-posizzjoni li thallas l-ammonti li kellha taghti lill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob, inkluz arretrati ta` hlasijiet dovuti in konnessjoni mal-licenzjar tal-operat taghha. Kieku ma kienx ghal pagament sostanzjali li sar minn CMV fl-ammont ta` EUR 533,224, l-Awtorita` kienet tikkancella l-licenzja ta` VGL.

Kompla jixhed illi CMV istitwiet proceduri ghal xoljiment u stralc kontra VGL fil-21 ta` Dicembru 2012, liema proceduri ghadhom pendenti. Fil-proceduri CMV qeghda ssostni li VGL mhijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha. Waqt dak l-istess procediment, fl-20 ta` Gunju 2013, kien mahtur l-Av. Richard Galea Debono bhala amministratur provvizorju. Fl-istess digriet taal-hatra, is-setghat tad-diretturi ta` VGL kienu sospizi. Dr Galea Debonoju ghamel hafna xoghol sabiex jamministra l-assi ta` VGL ; fl-istess hin, l-operat ta` VGL waqaf ghal kollox u ghalhekk ma saret l-ebda attivita fil-casino ; lanqas attivita` ta` *remote gaming* b` mezzi elettronici.

Il-bini mnejn kien jopera l-Casino fil-Birgu ghalaq ghal kollox.

Stqarr illi matul dawn l-ahhar snin saru diversi tentattivi sabiex l-assi ta` VGL jew alternattivament l-ishma tal-azzjonisti ta` VGL jibieghu lil terzi. Waqt dawn it-tentattivi kien ikun hemm prezenti huwa u xi dirigenti ta` CMV meta dawn kienu Malta, l-Amministratur Provvizorju, l-Av. Henri Mizzi u Fernando Orlandi (meta kien ikun Malta) ghan-nom ta` l-azzjonista Bet Live Limited ("**<u>BLL</u>**"). Saru laqghat fit-tul, kemm ma` terzi interessati, kif ukoll ma` l-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob, u s-Segretarju Parlamentari responsabbli ghas-settur tal-*Gaming*. Waqt dawn il-laqghat, id-diskors kien dejjem fis-sens li VGL ma kenitx f`qaghda li thallas id-djun taghha u ma setghetx tkompli topera b` mod indipendenti. L-unika proposta li saret waqt` dawn il-laqghat kien il-bejgh ta` l-*utile dominium* li kellha VGL

tal-istabbiliment gewwa l-Birgu. Gieli kien diskuss ma` xi investituri l-possibilita` li tinbiegh VGL bil-passiv kollu taghha ghaliex il-licenzji sospizi kellhom certa attrazzjoni ghal terzi.

Sostna li matul dan il-perijodu, il-licenzji mahruga lil VGL mill-Awtorita` kienu gew sospizi izda fl-ahhar zmien kien gie nfurmat minn Dr Galea Debono li kien ircieva avviz mill-Malta Gaming Authority li l-licenzji kienu gew revokati u kancellati.

Ighid illi skont ftehim tat-23 ta` Dicmebru 2005, CMV kienet ittrasferiet lil BLL l-ghadd ta` 5,200,145 sehem ordinarju ossija 60% tal-ishma fis-socjeta` VGL ghall-prezz u skont il-pattijiet imsemmija fil-ftehim, filwaqt li CMV zammet bhala taghha l-ishma rimanenti ta` 3,466,763 sehem ordinarju, ossia erbghin fil-mija (40%) tal-ishma fi VGL.

Bil-ftehim, CMV tat lil BLL l-opzjoni illi takkwista l-bqija tal-ishma li kellha ghall-prezz li kien patwit, kif ukoll skont kundizzjonijiet ohra li kienu miftehma, fosthom illi BLL tezercita din l-opzjoni fi zmien sentejn bl-imghax kif miftiehem, jew fl-alternattiv fi zmien ghaxar snin skont l-artiklu 4.1.

B`ittra tal-21 ta` Marzu 2016, CMV intimat lil BLL sabiex takkwista l-ishma taghha skont kif kien provdut fl-artikolu 4.2 tal-ftehim, izda BLL ma baqghet ma wiegbet xejn.

Kompla stqarr illi fil-ftehim tat-23 ta` Dicembru 2005 kienu saru pattijiet ohra bejn CMV u VGL :-

* Illi VGL tipprovdi servizzi ta` *remote gaming* konsistenti minn *live casino games* u *virtual casino games* kif awtorizzata a tenur tal-licenzja taghha (Class 1 Remote Gaming Licence LGA/OC/172/2004) mahruga mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob. Dana in linea mal-klawsola 11.1 tal-ftehim.

* Illi CMV ikkoncediet lil VGL id-dritt li taghmel uzu mill-isem *Casino` di Venezia* flimkien ma` kwalunkwe marki ohra u drittijiet intellettwali taghha ghal matul kwalunkwe perijodu li fih CMV tkun ghadha azzjonista fis-socjeta` VGL. Dan ai termini tal-artikolu 14.1 tal-ftehim. Skont l-artikolu 14,2 tal-ftehim, il-partijiet ftehmu u elenkaw dawk id-*domain names* li VGL giet awtorizzata taghmel uzu minn CMV.

*	IIlli fl-istess waqt CMV obbligat ruhha li ma tikkompetix, la direttament jew indirettament ma` VGL fl-attivita` ta` *remote gaming services* matul l-istess perijodu meta CMV tibqa` azzjonista fis-socjeta` VGL. Dana ai termini tal-klawsola 12.1 tal-ftehim.

Xehed illi qabel ma saret din il-kawza, CMV ghamlet protest gudizzjarju fil-5 ta` Lulju 2013. Wara li kien notifikat, sar rikors mill-Amministratur Provizorju fit-18 ta` Ottubru 2013 fejn ippremetta li l-kuntratt ghandu jigi rizolt in kwantu s-socjetajiet protestati mhux f`qaghda li jwettqu l-obbligazzjonijiet taghhom skont il-kuntratt.

Bil-kawza tal-lum, CMV qeghda titlob ir-risoluzzjoni tal-ftehim.

Fl-istat attwali u insolventi ta` VGL u tenut kont illi lanqas biss qed topera u ilha hekk ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, ma ghadx hemm skop u utilita` illi VGL jkollha d-dritt ghall-uzu tal-isem *Casino di Venezia* u tad-*domain names* l-ohra indikati ossia illi CMV tibqa` marbuta illi ma tinkorrix fil-qasam ta` *Remote gaming* f`cirkostanzi fejn VGL lanqas topera f`dan is-settur.

## III. <u>Il-kuntratt tat-23 ta` Dicembru 2005</u>

Il-Qorti rat il-kuntratt u ssib dan li gej :-

a)	Illi l-firmatarji kienu CMV, BLL, VGL u Sportalnet Limited ("**<u>SL</u>**").

b)	CMV ittrasferiet lil BLL l-ghadd ta` 5,200,145 *ordinary shares* tal-valur nominali ta` Lm 1 kull sehem li CMV kellha fi VGL (klawsola 1.1). Il-prezz tat-trasferiment kellu jkun ta` EUR 6,600,000 (klawsola 2 u l-modalita` ta` kif kellu jsir il-hlas).

c)	BLL kellha l-ghazla li takkwista l-ishma li kien baqa` ta` CMV ossija 3,466,763 skont il-kondizzjonijiet tal-klawsola 4.

d)	VGL kellha tipprovdi *remote gaming services,* konsistenti minn *live in casino games* u *virtual casino games* (klawsola 11.1)

e) SL kienet zviluppat is-*software, hardware* u *associated technology* mehtiega sabiex ikunu jistghu jiffunzjonaw ir-*remote gaming services* u dan kien ser jigi assenjat lil VGL (klawsola 11.2 u 11.3).

f) Bhala konsiderazzjoni ghall-assenjazzjoni ta` dan is-*software, hardware* u *associated technology,* SL kellha tithallas minn VGL l-ammont ta` EUR 2,000,000 liema somma kienet ser tigi avvanzata minn CMV u BLL in proporzjon ma` l-ishma li kellhom fil-VGL (klawsola 11.4).

g) SL u BLL kienu jifformaw parti mill-istess grupp ta` kumpanniji. Ghalhekk SLL accettat li l-ammont dovut lilha minn CMV (ossija 40% ta` EUR 2,000,000) kellu jigi paccut mas-somma dovuta lil CMV minn BLL bhala konsiderazzjoni ghat-trasferiment ta` 5,200,145 *ordinary shares.* (klawsola 2.1.1 u klawsola 11.5)

h) CMV obbligat ruhha li ma tikkompetix, la direttament jew indirettament ma` VGL fl-attivita` ta` *remote gaming services* matul il-perijodu li hija tkun ghadha azzjonista fil-VGL (klawsola 12.1)

i) CMV tat lil VGL id-dritt li taghmel uzu mill-isem *Casino di Venezia* flimkien ma` kwalunkwe marki ohra u drittijiet intelletwali taghha u dan matul il-perijodu li hija tkun ghadha azzjonista fis-socjeta` VGL. Wara li CMV ma tibqax azzjonista fil-VGL, kellhom isiru diskussjonijiet biex VGL tkun tista` tibqa` tutilizza dan it-*tradename, trademark* u proprjeta intelletwali ohra versu hlas ta` *royalty fee* (klawsola 14.1)

j) Kienet indikata lista tad-*domain names* li CMV awtorizzat lil VGL sabiex tutilizza matul il-perijodu li hija tibqa` azzjonista fil-VGL. Kien miftiehem ukoll li kellhom isiru diskussjonijiet bejn il-partijiet ghal hlas ta` *royalty fee* sabiex VGL tkompli tuza dawn id-*domain names* anke wara li CMV ma tibqax azzjonista. (klawsola 14.2).

## IV. L-ewwel eccezzjoni

Dwar din l-eccezzjoni, ghandu jinghad illi ghalkemm il-firmatarji tal-kuntratt ma kinux biss il-partijiet fil-kawza tal-lum, izda kien hemm ukoll is-socjetajiet BLL u SL, fl-istess waqt tajjeb jinghad illi skont it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat, il-kawza tal-lum tittratta biss biss talba ghal risoluzzjoni parzjali tal-ftehim datat 23 ta` Dicembru 2005.

Infatti t-talba hija specifika u cioe` sabiex tigi ordnata r-risoluzzjoni tal-ftehim in kwantu (i) dan jirregola d-dritt li VGL taghmel uzu mill-isem *Casino Di Venezia* flimkien ma` kwalunkwe marki ohra u drittijiet intelletwali tas-socjeta` attrici matul il-perijodu li s-socjeta` attrici tkun ghadha azzjonista f`VGL u (ii) dan jirregola l-obbligu assunt minn CMV li ma tikkompetix, la direttament jew indirettament, ma` VGL fl-attivita` ta` *remote gaming services* matul l-istess perijodu meta CMV tibqa` azzjonista fis-socjeta` konvenuta. Ma hemmx talba li l-ftehim kollu jigi xolt.

Il-Qorti tara li ma hemm xejn li jipprekludi talba ghal risoluzzjoni parzjali ta` ftehim. Il-Qorti tal-Appell Inferjuri tat sentenza fl-20 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Charles Spiteri et vs Associated Supplies Limited**" fejn qalet hekk :-

> *"Din il-Qorti ma tara xejn guridikament anomalu illi t-talba ghar-rexxissjoni tkun limitata ghal parti biss mill-ftehim bejn il-kontraenti. Dan aktar u aktar fejn bhal f`dan il-kaz kull `unit` huwa identifikat u abbinat il-prezz partikolari ghalih."*

Fil-kuntratt de quo, kien hemm klawsola 18 li tirreferi ghall-possibilita` li xi klawsola tista` tigi dikjarata mhux valida jew enforzabbli, u hemm stipulat illi fil-kaz bhal dak, il-bqija tal-ftehim jibqa` validu u vinkolanti :-

> "*18.1 If any portion of this Agreement shall be held to be invalid or unenforceable for any reason, the remaining provisions shall continue to be valid and enforceable. If a court of law or other tribunal finds that any provision of this Agreement is invalid or unenforceable, but by limiting such provision, it would become valid and enforceable, then such provision shall be deemed to be written, construed, and enforced as so limited."*

Din il-Qorti tghid illi s-socjeta` attrici kellha kull fakolta` li taghmel it-talba kif promossa.

Fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni, dak rilevanti huwa illi jigi determinat kontra min kellhom ikunu diretti t-talbiet attrici.

Peress li tinsab rinfaccjata minn talba ghal risoluzzjoni parzjali, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk dik il-materja partikolari tikkoncernax lill-firmatarji kollha tal-kuntratt jew whud minnhom biss.

Dak kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri fis-sentenza li tat fit-23 ta` Frar 2016 fil-kawza "**Eucharist Gauci Vs Juliana Attard et**".

Hemm il-kwistjoni kienet rizultat ta` ftehim bejn hamest ahwa dwar kura u servigi prestati lill-omm l-ahwa mill-attur u ohtu Sonia Pisani.

L-attur (u ohtu Sonia Pisani - li ma kenitx imharrka fil-kawza) hadu hsieb ta` ommhom fis-snin qabel il-mewt taghha u l-ahwa kienu ffirmaw kuntratt bejniethom fejn il-konvenuti obbligaw ruhhom illi jhallsu ammont ta` flus maqbul bejniethom lill-attur u lill-imsemmija ohtu.

Kellha ssir kawza.

Waqt il-kawza, kienet sollevata l-eccezzjoni tal-integrita` tal-gudizzju in kwantu l-ftehim li dwaru kien qed jibbaza t-talba kellu bhala firmarja lil ohtu Maria Assunta sibve` Sonia Pisani.

Il-Qorti qalet hekk :-

> *"Illi f`dan ir-rigward, sa mill-bidu tal-proceduri l-attur iddikjara quddiem din il-Qorti li ma` ohtu huwa kien ftiehem u li ma kien hemm xejn dovut lilu minghand ohtu. Fil-fatt jirrizulta li s-somma ta` €10,188.36 pretiza mill-attur f`dawn il-proceduri kienet dovuta biss mit-tliet konvenuti bejniethom u mhux minn Maria Assunta Pisani. In vista ta` dan il-Qorti ma tqisx li legalment l-attur kellu ghalfejn idahhal fil-kawza lil Maria Assunta Pisani unikament ghaliex kienet firmatarja kif qed isostnu l-konvenuti u dan stante li jirrizulta bic-car li hija ma kellha taghti xejn lill-attur."*

Sentenza ohra relevanti kienet dik moghtija li tat din il-Qorti **(PA/AJM)** fil-15 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**Av. Dr. Kevin F. Dingli et noe vs Lombard Bank Malta plc**"

Fil-kors ta` din il-kawza, saret talba mill-bank konvenut sabiex tissejjah fil-kawza persuna ohra li kienet firmatarja fuq kont miftuh mal-bank konvenut. It-talba saret fuq il-premessa li dik il-persuna kellha interess fil-kawza ; billi ghalhekk il-gudizzju ma kienx integru kif ukoll ghall-fini tal-ekonomija tal-gudizzju, dik il-persuna kellha tissejjah fil-kawza. It-talba tal-bank konvenut kienet opposta mill-atturi noe peress illi fil-fehma taghhom il-presenza tal-persuna koncernata fil-procediment ma kenitx mehtiega billi dak ma seta` jzid xejn mal-mertu tal-kawza kif proposta.

Il-Qorti ghamlet din l-osservazzjoni :-

*"L-istitut tal-kjamat in kawza huwa intiz sabiex, fejn hu possibbli, l-gudizzju jkun integru u cioe dawk l-partijiet kollha –* ***fl-ambitu tat-talba attrici*** *– jkunu presenti fil-proceduri. Issa fil-kaz in ezami qed jigi allegat mill-atturi nomine li l-Bank konvenut naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu fil-konfront ta` wiehed mill-"joint account holders" u cioe Ammar Shammout (il-mandatarju taghom) billi kiser jew naqas li josserva il- "withdrawal instructions" li kien inghata meta originarjament infetah l-account. Il-persuna li b`xi`mod jew iehor iggwadanjat minn dan in-nuqqas - bil-partecipazzjoni tal-bank jew bi zvista – kien l-istess Elghawi. Ghalhekk dan l-istess Elghawi ma jista` jikkontribwixxi xejn lejn id-dibattitu u anzi jkun fl-interess tieghu li jfixkel l-andament normali talkawza. Jekk pero` finalment jirrizulta li l-Bank konvenut verament naqas mill-obbligi tieghu u jkun obbligat li jirrestitwixxi l-ammonti indebitament imhallsa lil Elghawi, d-dritt ta` rivalsa tal-istess bank konvenut kontra l-istess Elghawi bl-ebda mod ma hu relatat mal-inadempjenza kuntrattwali tal-istess Bank."* (enfazi maghmul minn din il-Qorti)

Dan premess, nigu ghall-kaz tal-lum.

Fl-ambitu tat-talba attrici, jidher li l-partijiet li ghalihom jirrelataw l-obbligi mertu tal-kawza huma CMV u VGL.

Il-firmatarji l-ohra ma ghandhom x`jaqsmu xejn mad-dritt ta` uzu ta` l-isem *Casino di Venezia* flimkien ma` marki ohra u ma` l-obbligu li ma jkunx hemm kompetizzjoni ma` VGL minn CMV fir-*remote gaming services.*

Lanqas ma rrizulta li SL jew BLL kienu qed jagixxu ta` garanti ghall-obbligazzjonijiet assunti minn VGL.

Tant dan huwa hekk illi minn qari tal-klawsola 16 : "*Suretyship*" : hemm imnizzel li SL kienet ser tagixxi bhala garanti ghall-obbligazzjonijiet assunti minn BLL **<u>biss</u>** :

> "*16.1 In warranty of the proper and punctual performance of all the obligations assumed hereon, Sportalnet consents and does hereby stand joint and several surety for all the obligations assumed by the Purchaser in terms of this Agreement.*"

**Ghalhekk tajjeb kienet din il-kawzaipprezentata kontra VGL <u>biss</u> billi l-obbligi mertu ta` din il-kawza kienu jirrigwardaw biss u hadd aktar altru minn VGL u CMV.**

**L-ewwel eccezzjoni qeghda tkun <u>michuda</u>.**

## V. <u>Il-mertu</u>

L-ilment tal-attrici huwa fondat fuq li VGI naqset milli tottempra ruhha ma` l-obbligu taghha skont il-lawsola 11 tal-kuntratt tat-23 ta` Dicembru 2005 intestata "*Remote Gaming*" u li tghid :-

> "*11.1 The parties agree that subsequent to this transfer, VGL will provide Remote Gaming services, consisting in Live Casino Games and Virtual Casino Games, in terms of the Class 1 remote Gaming Licence LGA/OC/172/2004 issued by the Lotteries and Gaming Authority on the 1st December 2005 and for this purpose will utilize and be hosted on the Class 4 Remote Gaming Licence to host remote gaming operators LGA/CL4/199/2005 also issued on the 1st December 2005, to Sportalnet.*"

Kagun ta` din l-inadempjenza kontrattwali, is-socjeta` attrici qeghda titlob li jigu mitmuma zewg obbligi li gew assunti minnha in konnessjoni ma` dan ir-*remote gaming* u cioe` l-obbligi ravvizati fi klawsola 12.1 u fi klawsoli 14.1 u 14.2 tal-ftehim tat-23 ta` Dicembru 2005.

Il-Klawsola 12 hija ntestata "*Remote Gaming: reciprocal undertakings*" u taqra hekk :-

"*12.1 The Vendor undertakes not to compete, whether directly or indirectly, with VGL in the business of Remote Gaming services, consisting in Live Casino Games and in Virtual Casino Games, or otherwise engage or be engaged, whether directly or indirectly, in activities which compete with VGL in the provision of the said games and services, during the whole period during which the Vendor will hold any shares in VGL.*"

Il-klawsola 14 intestata "*Use of name Casino` di Venezia*" tghid hekk :-

"*14.1 VGL is hereby authorized to use the name Casino` di Venezia, together with all marks and devices and other intellectual property rights connected to or derived from the tradename, during the whole period during which the Vendor will hold any shares in VGL. On the disposal of all the said shares, the parties will enter into bona fide discussions in order for VGL to be authorized to continue to utilize the tradename, trademark and other intellectual property against the payment of a royalty fee determined by agreement, or in default by an independent arbitrator, appointed in terms of Clause 19 of this Agreement.*

*14.2 The list attached hereto and marked Annex P is a list of domain names that the Vendor agrees may be utilized by VGL, together with any other name connected to or derived frm the name Casino di Venezia, during the whole period during which the Vendor will hold shares in VGL. On disposal of all of such shares, VGL will be authorized to continue to make use of such domain names for its portal and website pursuant to a licencing agreement to be completed between the parties following bona fide discussions, and against the payment of a royalty fee on gross winnings, determined by agreement, or in default by an independent arbitrator, appointed in terms of Clause 19 of this Agreement.*"

Premess dak li kien miftiehem bejn dawk li huma partijiet fil-kawza tal-lum, il-Qorti tirreferi ghal dak li jghid l-**Art 992(1) tal-Kap 16** u cioe` illi *"l-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta` ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Kif inghad minn din il-Qorti (**PA/PS**) fil-kawza deciza fil-21 ta` April 2004 fl-ismijiet "**Dr. Jose` Herrera noe vs Gaetano Debattista et**" :-

> *"Din l-espressjoni tesprimi enfatikament il-kuncett illi l-kuntratt, kemm ghal dik li hi modifikazzjoni tieghu, l-obbligazzjonijiet reciproci u r-rizoluzzjoni tieghu, ma jistax jigi alterat jew rizolut bil-volonta` unilaterali ta` xi parti fost il-kontraenti. Fi kliem iehor f` dan it-tip ta` kuntratt hadd mill-partijiet ma seta` jaqbad u jirrizolvih ad nutum u b` mod unilaterali, kif hekk insibu, ad exemplum, fil-kaz tal-kommittent taht il-kuntratt ta` appalt a norma ta` l-Artikolu 1640 (1) tal-Kodici Civili; A propozitu, jissokta jinghad fis-subinciz (2) ghall-imsemmi Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 illi "l-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta` xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi"."*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti u ohrajn kien kuntratt bilaterali peress li ai termini ta` l-Art 961(1) tal-Kodici Civili l-partijiet kkontrattaw obbligi lejn xulxin.

Madanakollu minn qari akkurat tad-disposizzjonijiet li qed jigu attakkati bil-kawza tal-lum, ma jirrizultax li hemm stipulat x` jigri fil-kaz illi xi wahda mill-partijiet (fil-kaz tal-lum : VGL) tibqa` inadempjenti ghar-rigward ta` l-obbligi minnha assunti.

Ghar-rigward ta` kazi - bhal dawk tal-lum - jehtieg li l-Qorti tezamina dak litghid il-ligi dwar kondizzjonijiet rizoluttivi taciti.

Fid-decizjoni riportata fil-**Kollez Vol XLIII.II.805** inghad illi :-

*"fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-**kondizzjoni rizoluttiva tacita** fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tal-Kodici Civili) ... Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi*

*derivanti mir-rizoluzzjoni* (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239).

Il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fl-isfond ta` l-Art 1068 tal-Kodici Civili u ta` l-Art 117 tal-Kodici tal-Kummerc kienet trattata b`reqqa fil-kawza deciza minn din il-Qorti **(PA/RCP)** fl-ismijiet "**Adrian Busietta pro et noe vs Philip O. Gatt pro et noe et**" fejn inghad hekk :-

> *"Il-Kodici Civili permezz ta` l-artikolu 1068 jitkellem car meta jghid illi:-*
>
> *"Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha :*
>
> *"Izda f`dak il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx ipso iure, u l-Qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut, bla hsara ta` kull dispozizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh".*
>
> *Illi mela allura l-patt kommissorju huwa bhala massima implicitu dejjem, fil-kuntratti bilaterali, ghall-kaz li xi wahda mill-partijiet ma tissodisfax l-obbligazzjonijiet taghha u dan hlief ghal negozji espressament citati mill-ligi. (Ara f`dan is-sens "**Hawkins vs Cassar**" deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fis-6 ta` Ottubru, 1953).*
>
> *Inghad ukoll illi "meta r-rizoluzzjoni ma tigix espressament pattwita l-Qorti tista` taghti zmien xieraq biex il-parti tadempixxi l-obbligazzjoni taghha" (**"Emmanuele Calleja vs Joseph Grech"** deciza minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fl-10 ta` Gunju, 1965).*
>
> *Illi dak li qieghed jirreferi ghalih il-konvenut proprio et nomine huwa l-patt kommissorju espress, u cjoe` li jkun tnizzel fil-kuntratt. Meta f`kuntratt bilaterali jkun hemm il-patt kommissorju espress, malli tavvera ruhha linadempjenza kontrattwali, l-intervent tal-Qorti jkun biss ghall-ordni specifika, bhal ezempju ghall-izgumbrament. L-alternattiva ghal din is-sitwazzjoni hija dik kontempleta fl-artikolu 1068 tal-Kodici Civili, gja citat, li jaghti d-dritt ta` rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza kuntrattwali ta` l-obbligat bl-intervent tal-Qorti ghall-otteniment ta` tali dikjarazzjoni u f`liema kaz il-Qorti tkun*

*tista` skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu.*

*Illi kif korrettament qalet l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Abela et vs Karl Bonello noe**" deciza fil-31 ta` Mejju, 2002 "id-differenza bejn dawn it-tnejn m`hijiex biss fil-forma imma tista` taffettwa anke l-konsegwenzi legali li jiskaturixxu fejn tirrizulta vjolazzjoni jew inadempjenza kontrattwali. Fil-kaz ta` kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha. Fejn invece il-kundizzjoni rizoluttiva m`hijiex espressa imma wahda tacita f`dan il-kaz il-kuntratt ma jinhallx ipso iure".*

*....Illi ma hemmx dubju, kif diga` nghad, illi ma hemm l-ebda stipulazzjoni fil-ftehim ta` l-4 ta` Dicembru, 1991 li permezz taghha jinghad xi tkun il-konsegwenza f`kaz li jkun hemm inadempjiment ta` xi wahda mill-obbligazzjonijiet assunti. Jidher allura mad-daqqa t`ghajn illi huwa applikabbli ghall-kaz odjern il-patt kommissorju tacitu.*

*Imiss issa jigi deciz jekk hux applikabbli ghall-kaz odjern dak li jistipula lartikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc li jghid illi:-*

*"Fil-kuntratti kummercjali, il-kondizzjoni rizoluttiva tacita msemmija fl-artikolu 1068 tal-Kodici Civili tholl il-kuntratt ipso jure, u l-qorti ma tistax taghti zmien lill-konvenut sabiex jigi mehlus mill-mora:*

*Izda dan l-artikolu ma japplikax ghal-kuntratti ta` kiri ta` proprjeta` immobbli jew ghall-kuntratti ta` enfitewsi jew ghall-kuntratti li l-hall taghhom, fil-kaz ta` nuqqas ta` wahda mill-partijiet milli thares l-obbligi taghha, jkun regolat b`ligi b`mod specjali".*

*Illi issa l-kuntratt taht dizamina huwa wiehed ta` trasferiment ta` ishma. Skond l-artikolu 315 ta` Kodici Civili "l-azzjonijiet (fil-verzjoni bl-Ingliz tal-Kodici "shares") huma mobbli ghaliex hekk tqishom il-ligi". In oltre, l-artikolu 5 tal-Kodici tal-Kummerc jghid illi huma atti talkummerc "kull operazzjoni li ghandha x`taqsam ma` socjetajiet kummercjali jew ma` l-azzjonijiet taghhom".*

*Illi ghalhekk ma hemmx dubju li n-natura tan-negozju li sehh bejn il-partijiet f`din il-kawza huwa wiehed ta` indoli kummercjali. Illi ghalhekk fil-kuntratt taht dizamina jidher li sa*

*hawn japplika d-dispost ta` l-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc.*

*Illi dwar l-applikazzjoni ta` l-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc ukoll hemm d-divergenzi fil-gudikati nostrani. Di fatti recentement, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**France Cutajar vs Francis Fenech"** deciza fis-6 ta` Ottubru 1999 qalet li "...l-fatt li dan l-artikolu kien applikabbli ghall-fatti in kawza anke ghaliex il-partijiet ittrattaw l-obbligazzjoni bhala wahda kummercjali, naturalment, mhux necessarjament ifisser li kellu jigi hekk applikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz".*

*Illi tkompli tghid din is-sentenza illi "ma hijiex infatti ghal kollox korretta l-impressjoni generali illi kien pacifiku fil-gurisprudenza li f`kontrattazzjonijiet kummercjali, il-kundizzjoni rizoluttiva kienet tipproduci dejjem u f`kull kaz ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt di piena diritto u li l-Qorti, fejn l-inadempjenza kontrattwali f`kuntratt bilaterali tkun wahda kummercjali, ma setghet qatt takkorda lid-debitur ebda dilazzjoni biex jispurga l-mora. Jirrizultaw sentenzi fejn il-Qrati kkonsidraw beneficcju tal-purgazzjoni tal-mora u ma applikawx rigorozament, id-dispost ta` l-artikolu 117 tal-Kodici Kummercjali fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk kienu jindikaw. Dan ghaliex ikun kjarament jirrizulta li l-parti li tkun qed tinvoka r-rexxissjoni tal-kuntratt fuq dik il-bazi, ma tkun sofriet l-ebda pregudizzju bhala konsegwenza ta` l-inadempjenza u fejn allura jkun irrizulta illi l-adempjenza ma kenitx fattur materjali u determinanti ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjonijiet assunti mill-kontraenti fil-kuntratt bilaterali".*

*Illi dan hu rifless fil-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Kummerc b`sentenza fil-kawza fl-ismijiet "**Giuseppe Aquilina vs Domenico Sammut**" deciza fit-12 ta` Frar, 1958 li fiha hekk jinghad:-*

*"Din il-Qorti, kif tinsab illum presjeduta, kellha bosta okkazjonijiet biex tesprimi ruhha fis-sens illi bilpromulgazzjoni ta` l-Att numru XIV tal-1933, maghmul espressament biex jirregola l-obbligazzjonijiet kummercjali, illum inkoporat fil-Kodici tal-Kummerc (Titolu V), minhabba fid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 8 ta` dak l-Att, illum artikolu 121 (illum artikolu 117) tal-Kodici Kummercjali, il-purgazzjoni tal-mora kontemplata flimsemmi artikolu 1659 (illum 1068) tal-Kodici Civili ma tistax tigi iktar koncessa, u ghadha ta` l-istess fehma, izda l-Qorti ta` l-Appell tal-Maesta` Taghha r-Regina recentement irriteniet li*

*ghadha tista` tigi koncessa, u ghalhekk din il-Qorti sejra tikkoncediha".*

*Illi minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta, almenu lil din ilQorti kif presjeduta li tali spostament ta` l-interpretazzjoni rigoruza u logika ghar-rigward ta` l-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc kienet biss fejn jirrigwarda kirjiet kummercjali. Di fatti qabel is-sentenza imsemmija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet "**Giuseppe Aquilina vs Domenico Sammut**" s-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc kienu kollha fis-sens li l-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc kien car bizzejjed u allura fis-sens li jekk jirrizulta illi kien hemm inadempjenza allura dak il-kuntratt kellu jigi dikjarat xolt u l-Qorti ma setghetx taghti zmien lillinadempjent sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu. (Ara f`dan is-sens **"Joseph Vassallo vs Charles Vella"** deciza mill-Qorti tal-Kummerc per Onorevoli Imhallef Gouder fil-25 ta` Novembru, 1951; **"Magistrat Dr. Vincenzo Refalo et vs Alfred Cini"** deciza mill-Qorti tal-Kummerc per Onor. Imhallef Gouder fl-4 ta` Ottubru, 1955).*

*Illi gara li l-allura l-Onorabbli Qorti ta` l-Appelli Kummercjali f`diversi decizjonijiet li tat fis-snin hamsinijiet fil-kawzi fl-ismijiet "**Joseph Holland noe et vs Joseph La Rosa et"** deciza fit-3 ta` Dicembru, 1954, "**Gerard Mercieca vs Gaetano Spiteri**" deciza fl-14 ta` Mejju, 1956 u "**Gio Maria Fenech vs Gio Maria Grima**" deciza fil-21 ta` Jannar, 1956 sostniet illi "Il-fakolta` moghtija mill-ligi Civili, fit-tieni paragrafu ta` l-art. 1659 (illum artikolu 1570 tal-Kodici Civili) li takkorda lill-inkwilin li jkun moruz fil-hlas tal-kera l-beneficcju tal-purgazzjoni tal-mora, ma gietx imhassra bl-art. 121 (illum artikolu 117) tal-Kodici tal-Kummerc, avvolja jkun jittratta minn lokazzjoni ta` natura kummercjali".*

*Illi fil-fatt l-istess Qorti tal-Kummerc, wara l-imsemmija decizjonijiet ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell, sostniet li:-*

*"Din il-Qorti, kif hija llum presjeduta, gja bosta drabi ppronunzjat ruhha fis-sens illi bil-promulgazzjoni ta` l-Att Nru. XIV tal-1933, kontenenti fl-art. 8 d-dispozizzjoni li fil-kuntrattazzjoni kummercjali l-kondizzjoni rizoluttiva tacita, preveduta fl-art. 774 ta` l-Ord. Nru. VII ta` l-1868 (illum art. 1111 tal-Kodici Civili) tipproduci r-rizoluzzjoni tal-kuntratt `di pieno diritto`, u ma tistax il-Qorti takkorda lill-konvenut ebda dilazzjoni biex jippurga l-mora – Att li gie nkorporat fil-Kodici Kummercjali, u c-citata*

*dispozizzjoni giet riprodotta fl-art. 121 ta` l-imsemmi Kodici tal-Kummerc – spicca l-poter tal-Qorti, f`kaz ta` lokazzjoni kummercjali li taghti lill-konvenut zmien moderat, skond ic-cirkostanzi, ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni li jkun naqas jezegwixxi, biex b`hekk jevita l-hall tal-kuntratt mitlub kontra tieghu, skond l-art. 1659 (2) tal-Kodici Civili, gja art. 1323 para. 2 ta` l-Ordinanza fuq riferita; izda l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell, kif hija attwalment presjeduta, irriteniet il-kuntrarju; u ghalhekk din il-Qorti takkorda lill-konvenut iz-zmien hawn taht indikat biex jippurga l-mora". (Ara f`dan is-sens fost hafna ohrajn "**Henry Pace et vs Victor Pirotta"** deciza fil-31 ta` Ottubru, 1957 mill-Qorti tal-Kummerc).*

*Illi dak li kien qieghed isir referenza ghalih kien il-kwistjoni ta` ftehim ta` lokazzjoni kummercjali u mhux ftehim bhal ma ghandha in dizamina l-Qorti llum. Illi jinghad allura, bir-rispett illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma` l-insenjament ta` l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata fl-ismijiet **"France Cutajar vs Francis Fenech"** jekk huwa minnu li l-artikolu 117 tal-Kodici tal-Kummerc japplika ghall-ftehim mertu tal-kawza odjerna.*

*Illi mill-artikolu 117 kif emendat illum jirrizulta li l-effetti tal-istess artikolu ma japplikawx ghall-kuntratti hemm imsemmija bhala kuntratti ta` kiri ta` proprjeta` immobbli jew ghall-kuntratti ta` enfitewsi jew "ghall-kuntratti li l-hall taghhom, fil-kaz ta` nuqqas ta` wahda mill-partijiet li thares l-obbligi taghha, jkun regolat b`ligi mod specjali". Hlief ghal dawn l-eccezzjonijiet imsemmija fil-ligi (kemm civili u kemm kummercjali) l-artikolu in ezami huwa car u ma ghandux ikun hemm derogi minnu hlief fil-kazi ndikati mill-ligi.*

*Illi jinghad finalment ghal kompletezza illi "il-patt kommissorju, meta javvera ruhu, huwa bhal kondizzjoni rizoluttiva, ghandu effett retroattiv sahansitra fil-konfront tat-terzi" (Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. IV, pag. 176) citat b`approvazzjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuele Falzon noe vs Avv. Dr. Joseph A. Micallef et noe"** deciza minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fit-23 ta` Mejju 1953."*

Fid-decizjoni li tat – anke din il-Qorti stess – fid-29 ta` Mejju, 2014 – fil-kawza "**Antoine Camilleri vs Jason Aquilina**" – liema decizjoni kienet appellata – saret rassenja tal-principji li huma applikabbli ghal kaz bhal dan tal-lum :-

*"Il-Kap 16 jipprovdi li ftehim jigi xjolt jekk ikun suggett ghal kundizzjoni espressa jew ghal kundizzjoni tacita. Ikun hemm kundizzjoni espressa jekk din tkun miktuba espressament fil-kuntratt. Ikun kundizzjoni tacita jekk din tohrog mil-ligi. Fil-kaz ta` kundizzjoni espressa, il-ftehim jigi xjolt. Fil-kaz ta` kundizzjoni tacita, dan ma jgibx ix-xoljiment tal-ftehim.*

*L-Art 1067 tal-Kap 16 jaqra hekk :-*

*"jekk il-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall ipso jure u l-qorti ma tista` taghti ebda zmien lill-konvenut."*

*Min-naha l-ohra, l-Art 1068 tal-Kap 16 jaqra illi :-*

*"Il-kondizzjoni rizoluttiva tinghadd dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha.*

*Izda f` dan il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx ipso jure u l-qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut, bla hsara ta` kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-kuntratt tal-bejgh."*

*L-Art 1069 tal-Kap 16 jipprovdi illi :-*

*"(1) Meta l-kondizzjoni rizoluttiva, sew dik maghmula espressament kemm dik li tiqies bhala maghmula, tkun ghall-kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista` taghzel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*

*(2) Fil-kaz, il-wiehed u l-iehor, il-konvenut jista` jigi kkundannat ghall-hlas tad-danni."*

*Dawn il-provvedimenti tal-ligi gew riflessi fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.*

*Id-distinzjoni bejn kundizzjoni risolutiva espressa u kundizzjoni risolutiva tacita giet dejjem sostnuta u carata ghall-ahhar. B`mod partikulari gie dejjem enfasizzat li :-*

*Fil-kaz ta` kundizzjoni risoluttiva tacita, ma hemmx xoljiment ipso iure tal-ftehim ;*

*Fil-kaz ta` kundizzjoni risoluttiva tacita tigi dikjarata biss jekk ikun hemm ragunijiet gravi u konkludenti li jissostanzjaw talba ta` din ix-xorta ;*

*Anki f`kaz fejn hemm xoljiment ipso iure, xorta wahda jkun mehtieg li jkun hemm dikjarazzjoni mill-Qorti esplicita dwar dak ix-xoljiment.*

*Dikjarazzjoni tal-Qorti ta` dan it-tip tinkiseb b`azzjoni maghmula lill-Qorti b`talba ghal dikjarazzjoni f`dan is-sens, u mhux sempliciment per via di eccezzione.*

*Id-differenza fil-konsegwenza ghas-sehh ta` kundizzjoni risolutiva tacita u kundizzjoni risolutiva espressa giet spjegata fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna.*

*Hekk per ezempju fil-kawza "**Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-4 ta` Novembru 1987 inghad hekk:-*

*"Issa l-artikolu 1111 tal-Kodici Civili (kap. 23) illum art. 1068 kap. 16 jitkellem car u tond u bla bzonn ta` xi interpretazzjoni illi kondizzjoni risoluttiva tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali ghall-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha, izda f` dan il-kaz, il-kuntratt ma jinhallx, ipso iure, u l-Qorti tista`, skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut …"*

*Id-decizjoni tal-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Novembru 1962 fil-kawza "**Cole et vs Grixti**" stabbiliet illi :-*

*" … skond l-art. 1111 tal-Kodici Civili, il-kondizzjoni risoluttiva hi dejjem sottointiza fil-kuntratt bilaterali fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha; u skond l-art. 1112 il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita tista` taghmel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni jekk dan jista` jkun …"*

*F`decizjoni ohra tal-Qorti ta` l-Appell tal-31 ta` Mejju 2002 fil-kawza **"Abela vs Bonello noe"** inghad illi :-*

*"Fil-kaz ta` kundizzjoni rizoluttiva espressa, il-Qorti ma taghtix zmien lill-Parti inadempjenti biex tispurga n-nuqqas taghha. Fejn*

*invece il-kundizzjoni rizoluttiva m`hijiex espressa imma wahda tacita f` dan il-kaz il-kuntratt ma jinhallx ipso jure. "*

*L-istess Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza* ***<u>"Grima vs Le Brun"</u>*** *tat-18 ta` Novembru 1870 fejn inghad :-*

*"Che sebbene secondo il detto art. 773 quando la condizione risolutiva e` espressa, il contratto, verificata la condizione, si scioglie ipso jure, a differenza del caso, in cui la condizione fosse sottointesa ed in cui la risoluzione non succeede ipso jure, pure tra gli effetti dell` una e dell` altra condizione in sostanza non vi sarebbe altra differenza, che nel primo caso la Corte non puo` accordare alcuna dilazione, nel mentre che nell` altro caso puo` accordare una moderata dilazione, in modo che tanto nell` uno che nell` altro caso, come evidentemente dimostrano I termini dei menzionati articoli, e` necessario che la risoluzione sia giudizialmente domandata- e quindi dalla Corte dichiarata.*
*Che in conseguenza sarebbe interamente inutile esaminare se la condizione, di cui si tratta, fosse espressa od altrimenti sottointesa."*

*Fid-decizjoni tad-29 ta` April 1993 fil-kawza* ***<u>"Chetcuti vs Farrugia"</u>*** *kien inghad hekk :-*

*Meta l-kondizzjoni risoluttiva, sew dik maghmula espressament kemm dik li titqies bhala maghmula tacitament, tkun ghall-kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos mill-obbligazzjonijiet taghha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista` taghzel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli (artikolu 1069). Izda, hemm differenza sostanzjali,fl-applikazzjoni taghha, bejn il-wahda u l-ohra. Infatti, jekk il-kondizzjoni risoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall `ipso iure`m u l-Qorti ma tista` taghti ebda zmien lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni (artikolu 1067). Jekk il-kondizzjoni risolutiva hija tacita, il-kuntratt ma jinhallx `ipso iure`, u l-Qorti tista` skond ic-cirkostanzi, taghti zmien xieraq lill-konvenut biex jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu (artikolu 1068).*

*Decizjoni sinjifikanti hafna ghall-kaz tal-lum hija dik ta` din il-Qorti tat-23 ta` Mejju 1953 fil-kawza* ***<u>"Falzon noe vs Micallef et"</u>*** *fejn inghad hekk :-*

*Illi, kif esprimew ruhhom il-partijiet, jidher li huma riedu jistipulaw, mhux kondizzjoni rizolutiva, izda l-patt kommissorju, li huwa wisq differenti.Difatti l-kondizzjoni rizolutiva tirrisolvi l-obbligazzjoni ipso jure (art. 1110 Kod.Civ) u l-Qorti ma tistax taghti lid-debitur ebda zmien biex jippurga l-mora, mentri, trattandosi ta` patt kommissorju espress jew tacitu, skond il-ligi taghna, l-obbligazzjoni ma tispiccax `ipso iure`, izda hemm bzonn li jintalab u jigi akkordat mill-Qorti x-xoljiment ta` l-obbligazzjoni; u f` kaz ta` patt kommissorju tacitu, il-Qorti tista` taghti lid-ddebitur zmien ragjonevoli skond ic-cirkustanzi (art. 1111 Kod. Civ).*

*Anke fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-kawza "**<u>Mac Ltd et vs Said International Ltd</u>**" tad-9 ta` Ottubru 2003 inghad illi :-*

*Ghalhekk, sakemm il-ftehim ma jkunx sar fih patt ta` kundizzjoni rizolutiva espressa li meta ssehh iggib fix-xejn il-kuntratt b` mod li lanqas il-Qorti ma tista` ttawwal iz-zmien lid-debitur ghall-ezekuzzjoni, il-fatt li jkun sar ftehim bilaterali bejn tnejn min-nies jew izjed jista` johloq il-prezunzjoni li tinghadd li saret fih il-kundizzjoni rizoluttiva tacita f` kaz li wahda mill-istess partijiet tonqos li twettaq il-parti taghha. Imma din il-kundizzjoni ma ggibx fi tmiemha ipso jure l-obbligazzjoni (ghajr fil-kuntratti kummercjali), u hija moghtija lill-Qorti mil-ligi s-setgha li taghti lid-debitur zmien xieraq u skond ic-cirkostanzi biex jaghmel dak li kien intrabat.*

*Eccezzjoni ghal dawn il-principji tirrizulta mill-Kap 13 fejn jinghad li "fil-kuntratti kummercjali, anki l-kundizzjoni risoluttiva tacita ggib ghall-hall `ipso iure` tal-kuntratt (artikolu 117 Kap 13) hlief (u din l-eccezzjoni ghar-regola giet introdotta bl-Att XXII tal-1976) fil-kaz ta` kuntratti ta` kiri ta` proprjeta` immobbli jew ghall-kuntratti ta` enfitewsi jew ghall-kuntratti li l-hall taghhom, fil-kaz ta` nuqqas ta` wahda mill-partijiet milli thares l-obbligi taghha, ikun irregolat b` ligi b` mod specjali." (ara "**<u>Brincat noe et v. Mifsud et</u>**" - deciza fit-28 ta` Frar 2001)*

*Dwar l-applikazzjoni ta` l-artikolu 117 tal-Kap 13 hemm divergenzi fid-decizjonijiet tal-Qrati Maltin. Il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**<u>Cutajar vs Fenech</u>**" tas-6 ta` Ottubru 1999 qalet hekk :-*

*"...il-fatt li dan l-artikolu kien applikabbli ghall-fatti in kawza anke ghaliex il-partijiet ittrattaw l-obbligazzjoni bhala wahda kummercjali, naturalment, mhux necessarjment ifisser li kellu jigi hekk applikat fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz...ma hijiex infatti*

*ghal kollox korretta l-impressjoni generali illi kien pacifiku fil-gurisprudenza li f`kontrattazzjonijiet kummercjali, il-kundizzjoni rizoluttiva kienet tipproduci dejjem u f` kull kaz ir-rizolluzzjoni tal-kuntratt di piena diritto u li l-Qorti, fejn l-inadempjenza kontrattwali f` kuntratt bilaterali tkun wahda kummercjali, ma setghet qatt takkorda lid-debitur ebda dilazzjoni biex jispurga l-mora. Jirrizultaw sentenzi fejn il-Qrati kkonsidraw beneficcju tal-purgazzjoni tal-mora u ma applikawx rigorozament, id-dispost ta` l-artikolu 117 tal-Kodici Kummercjali fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk kienu jindikaw. Dan ghaliex kien kjarament jirrizulta li l-parti li tkun qed tinvoka r-rexxissjoni tal-kuntratt fuq din il-bazi, ma tkun sofriet l-ebda pregudizzju bhala konsegwenza ta` l-inadempjenza u fejn allura jkun irrizulta illi l-adempjenza ma kenitx fattur materjali u determinanti ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjonijiet assunti mill-kontraenti fil-kuntratt bilaterali.*

*Dan huwa rifless fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-12 ta` Frar 1958 fil-kawza "**Aquilina vs Sammut**" fejn qalet hekk:-*

*Din il-Qorti, kif tinsab illum presjeduta, kellha bosta okkazzjonijiet biex tesprimi ruhha fis-sens illi bil-promulgazzjoni ta` l-Att numru XIV tal-1933, maghmul espressament biex jirregola l-obbligazzjonijiet kummercjali, illum inkorporat fil-Kodici tal-Kummerc (Titolu V), minhabba fid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 8 ta` dak l-Att, illum artikolu 121 (illum artikolu 117) tal-Kodici Kummercjali, il-purgazzjoni tal-mora kontemplata fl-imsemmi artikolu 1659 (illum 1068) tal-Kodici Civili ma tistax tigi iktar koncessa, u gahdha ta` l-istess fehma, izda l-Qorti ta` l-Appell tal-Maesta` Taghha r-Regina recentement irriteniet li ghadha tista` tigi koncessa, u ghalhekk din il-qorti sejra tikkoncediha.*

*Jibqa` fatt ghalhekk illi f`kaz li ssehh kundizzjoni risolutiva li ma tkunx espressa f`kuntratt, ikun jehtieg li min ikun in mora jinghata zmien xieraq sabiex jaghmel dak li hu dovut minnu li jsir u ma jkun hemm l-ebda xoljiment tal-ftehim ipso iure. Hemm dubju jekk dan huwiex applikabbli ghal obbligazzjonijiet kummercjali, billi hemm divergenzi fil-gurisprudenza.*

*Huwa ritenut b`mod kostanti illi l-inadempjenza da parti ta` kontraent ggib maghha l-eventwali xoljiment tal-ftehim biss fil-kazijiet fejn l-indampjenza tkun wahda gravi u b`konsegwenzi drastici. Din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-21 ta` April 2004 fil-*

*kawza "**<u>Herrera vs Debattista</u>**" ghamlet riferenza ghal decizjoni li tinsab fil-Vol. XLIII.II.805. Hemm inghad hekk :-*
*... fost ir-ragunijiet preveduti mil-ligi ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni rizoluttiva tacita fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun inadempjenti (Artikolu 1111, illum Artikolu 1068 tak-Kodici Civili)... Hemm bzonn illi l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat ghall-konsegwenzi derivanti mir-rizoluzzjoni (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., Artikolu 1165 para. 236 u 239)."*

**Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tghid illi kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha illi VGL ma kinitx qed tottempera ruhha ma` dak li obbligat ruhha li taghmel fid-dawl tal-klawsola 11.1 tal-ftehim.**

Mix-xiehda moghtija mill-Av. Louis Cassar Pullicino, liema xiehda mhix kontradetta, irrizulta li wara li nghata d-digriet fil-proceduri ta` stralc tal-kumpannija intimata, fejn inhatar amministratur provvizorju bis-setghat tad-diretturi jibqghu sospizi, VGL waqfet ghal kollox l-operat taghha.

Ma jirrizultax illi kien hemm xi attivita` fil-casino u jew attivita` ta` *remote gaming* b`mezzi elettronici, hekk kif kien jistipola l-ftehim fi klawsola 11.1.

**Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li <u>sa issa</u> rrizulta fil-proceduri l-ohra bejn l-istess partijiet, mnejn jirrizulta li VGL ilha ma topera ghal diversi snin ; tant illi l-bibien tal-*casino* jinsabu maghluqa.**

**Irrizulta wkoll mir-rikors tal-Amministratur Provizzorju tas-socjeta` intimata tat-18 ta` Ottubru 2013 illi VGL mhijiex f`qaghda li twettaq l-obbligazzjonijiet taghha skont dak il-ftehim u *ergo* l-kuntratt ghandu jigi rizolt (fol 59).**

**Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li VGL naqset milli taderixxi ma` dak li ntrabtet illi taghmel ai termini tal-klawsola 11.1. Marbuta ma` din il-klawsola, hemm l-obbligi li assumiet is-socjeta` rikorrenti fi klawsoli 12.1 u 14.1 u 14.2 tal-ftehim u li sa llum hija ghadha tosserva, minkejja l-inadempjenza tas-socjeta` intimata.**

Tenut kont li l-obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti huma kummercjali, din il-Qorti tara li b`applikazzjoni ta` l-Art 117 tal-Kodici tal-Kummerc, hija ma ghandhiex taghti zmien ghall-purgazzjoni tal-mora lis-socjeta` intimata sabiex din tadempixxi ma` dak assunt minnha.

Apparti n-natura kummercjali ta` l-vertenza, din il-Qorti hija konvinta li s-socjeta` intimata llum il-gurnata qeghda fl-impossibilita` li tadempixxi ruhha ma` tali obbligu minhabba li xi licenzji taghha gew anke sospizi u kancellati.

Minn ezami tad-dokumenti ezebiti a fol 43 sa fol 44 tal-process, jirrizulta li l-licenzja ta` VGL giet kancellata skont ir-regolament 14(2)( c)(ii) ta` r-*Remote Gaming Regulations (*SL 438.04).

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` t-talbiet kollha.**

**Tordna lill-konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**